# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmintax (18) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 246/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Alexandra Pace (ID 478662M)**

**Vs**

**Doris sive Doreen Shawky**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Marzu 2017, li permezz tiegħu ir-rikorrenti talbet is-segwenti:

> *1. Illi l-kontendenti huma l-uniċi ulied ta' Maria Luigia Mifsud, armla minn Hector Mifsud, li mietet fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016).*
>
> *2. Illi s-suċċessjoni ta' Maria Luigia Mifsud hija regolata permezz ta' testment sigriet datat għoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), liema testment sigriet ġie miftuħ u ppubblikat permezz ta' att pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku Joseph Henry Saydon fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016), wara dikriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-dsatax (19) t'Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016).*
>
> *3. Illi permezz tat-Tielet Artikolu ta' l-imsemmi testment sigriet, il-konvenuta ġiet ordnata mit-testatriċi sabiex, wara li jsir eżerċizzju ta' valutazzjoni minn perit arkitett inkarigat mill-istess konvenuta, tħallas lill-attriċi dik is-somma li tkun kwinta parti (1/5) tal-valur tas-sehem imħolli bi prelegat lill-istess konvenuta tad-dar bin-numru tmienja u għoxrin (28) fi*

*Triq l-Għarix, Attard, wara li jitnaqqas minnu l-valur tat-terran bin-numru sebgħa u sebgħin (77) fi Triq Viani, Sliema, u liema differenza għandha titħallas mill-konvenuta f'rati annwali ta' mhux anqas minn elfejn lira Maltin (Lm2,000), illum ekwivalenti għal erbat elef sitt mija tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), mingħajr interessi u bl-ewwel rata tkun dovuta fi żmien sena mill-mewt tat-testatriċi.*

*4. Illi l-konvenuta, minkejja li ġiet interpellata sabiex tonora l-obbligazzjonijiet imposti fuqha skont l-istess testment, baqgħet sa llum inadempjenti.*

*5. Illi wkoll, it-testment preċitat ma jiffissax terminu fiss sabiex fih il-konvenuta tagħmel il-ħlasijiet dovuti minnha.*

*6. Illi għalhekk qed issir din il-kawża.*

*7. Illi l-attriċi tiddikjara li taf bil-fatti suesposti personalment.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi l-attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta hija obbligata illi taħtar perit arkitett sabiex iwettaq valutazzjoni b'mod ġust tad-dar bin-numru tmienja u għoxrin (28), li ġġib l-isem "Dorsan", fi Triq l-Għarix, Attard, kif ukoll tat-terran bin-numru sebgħa u sebgħin (77) fi Triq Viani, Sliema;*

*(2) tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex matulu l-konvenuta tinkariga perit arkitett li jwettaq valutazzjoni b'mod ġust tad-dar bin-numru tmienja u għoxrin (28), li ġġib l-isem "Dorsan", fi Triq l-Għarix, Attard, kif ukoll tat-terran bin-numru sebgħa u sebgħin (77) fi Triq Viani, Sliema;*

*(3) fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni volontarja da parti tal-konvenuta skont it-talba preċedenti, tawtorizza lill-attriċi taħtar hi stess perit arkitett, jew alternattivament tkun dina l-Onorabbli Qorti li taħtar perit arkitett, sabiex iwettaq valutazzjoni b'mod ġust tad-dar bin-numru tmienja u għoxrin (28), li ġġib l-isem "Dorsan", fi Triq l-Għarix, Attard, kif ukoll tat-terran bin-numru sebgħa u sebgħin (77) fi Triq Viani, Sliema, u dan bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-konvenuta;*

*(4) tistabilixxi l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attriċi skont it-Tielet Artikolu tat-testment sigriet datat għoxrin (20) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), kif ukoll iż-żmien li fih il-konvenuta għandha tħallas dak l-ammont lill-attriċi u r-rati annwali applikabbli;*

*(5) tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attriċi l-ammont dovut lilha fiż-żmien u r-rati annwali stabbiliti skont it-talba preċedenti,*

*u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċċjali bin-numru 4009/2016, li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

2. Rat illi fl-10 ta' April 2017 l-intimata **Doris sive Doreen Shawky** irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*1. ILLI l-azzjoni odjerna hija intempestiva, frivola, bla utilita u vessatorja u dana għar-raġunijiet segwenti:*

*(i) il-ħlasijiet dovuti mill-esponenti skond it-tielet (3) artikolu tat-tesment sigriet tad-defunta Maria Luiga sive Marlene Mifsud ossija dak datat għoxrin (20) ta' Awwissu elf disgħa mija u disgħa u disgħin (1999) għandhom jibdew isiru fi żmien sena mill-mewt tat-testatriċi, fil-każ odjern mhux qabel it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju elfejn u sbatax (2017) .*

*(ii) Illi ukoll skond il-preċitat tesment l-esponenti kellha tinkariga perit Arkitett sabiex jistma l-propjetajiet liema perit ġie inkarigat f' Settembru elfejn u sittax (2016) u rrediega r-rapporti tiegħu, liema rapporti jinsabu fil-pussess tan-Nutar Joseph Henry Saydon u li kopja tagħhom qed tiġi hawn annessa Dok A u Dok B;*

*(iii) Illi l-perit stima il-propjetajiet ossija dik bin-numru sebgħa u sebgħin (77) Triq Viani Sliema li tiswa elfejn, mitejn u ħamsa u disgħin Euro (€ 2295) filwaqt li dak bl-isem 'Dorsan' enumerata tmienja u għoxrin (28) Triq l-Għarix Attard bil-valur ta' erbgħa mija u ħamsin elf Euro (€ 450,000).*

*(iv) Illi għalhekk skond it-tielet artikolu tal-preċitat testment l-esponenti għandha tħallas lir-rikorrenti, kwint (1/5) tal-valur ta' sehem it-testatriċi ossija nofs (1/2) li huwa ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€ 45,000) li minnu jrid jitnaqqas il-valur tal-fond ta' tas-Sliema fl-ammont ta' elfejn, mitejn u ħamsa u disgħin Euro (€ 2295). Konsegwentement l-esponenti għandha tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tnejn u ebrgħin elf sebgħa mija u ħames Euro (€ 42,705).*

*(v) Illi dan l-ammont ser jitħallas permezz ta' rati annwali kif speċifikat fil-preċitat testment ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro (€ 4,658) bl-ewwel pagament isir dovut fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju elfejn u sbatax (2017) kif speċifikat fil-preċitat testment.*

*2. ILLI għalhekk ma hemm l-ebda utitlita għal din l-azzjoni u konsegwentment it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respiniti bl-ispejjeż.*

## Provi

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent, fosthom Nota tal-Insinwa tal-Apertura ta' Testment Sigriet ta' Marie Luigia Mifsud illi seħħ fis-16 ta' Settembru 2016.

4. Rat ir-rapport Peritali ppreżentat mill-intimata fl-1 ta' Ġunju 2018 tal-fond 28, "Dorsan' Triq l-Għarix, Attard fejn il-fond ġie stmat li jiswa €450,000 (fol 38) u ta' 77, Viani Street, Sliema fejn il-fond ġie stmat li jiswa €2,295 (fol 44), liema rapport ġie redatt mill-Perit F.E. Montesin.

5. Rat li fit-23 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrenti kienet ippreżentat rikors għas-soprasessjoni sakemm tiġi deċiża definittivament il-kawża (549/2017 JPG) iżda, jirriżulta, li permezz ta' digriet datat 3 ta' Novembru 2017, din il-Qorti diversament ippreseduta irrispinġiet dawn it-talbiet fir-rikors surreferit.

6. Rat l-affidavit ta' **Alexandra Pace** ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2018 flimkien ma' dokumentazzjoni, fosthom Rapport Peritali tal-fond 28, 'Dorsan', Triq l-Għarix, Attard redatt mill-Perit David Psaila (fol 66).

7. Rat in-nota tar-rikorrenti Alexandra Pace ippreżentata fil-21 ta' Frar 2018 li permezz tagħha eżebiet kopja legali tar-rikors maħluf Numru 549/2017(JPG).

8. Rat illi fil-21 ta' Frar 2018, ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

9. Rat ix-xhieda tan-nutar **Dottor Joseph Henry Saydon** mogħtija fis-7 ta' April 2018 (fol 76).

10. Rat ix-xhieda tal-**Perit Franco Montesin** mogħtija fis-7 ta' April 2018 (fol 78).

11. Rat ix-xhieda tal-**Perit David Psaila** mogħtija fit-22 ta' Mejju 2018 (fol 84).

12. Rat ix-xhieda ta' **Doris sive Doreen Shawky** mogħtija fit-22 ta' Mejju 2018 (fol 101) u l-ittra ippreżentata Dok DS1 a fol 103.

13. Rat illi fit-22 ta' Mejju 2018, l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

14. Rat ix-xhieda ta' Doris sive Doreen Shawky, in kontro eżami, mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2018. (fol 110)

15. Rat ix-xhieda ta' Doris sive Doreen Shawky, in kontro eżami ulterjuri, mogħtija fl-14 ta' Novembru 2018 fejn eżebiet dikjarazzjoni *causa mortis* datata 28 ta' Marzu 2017 (fol 113).

16. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-8 ta' Ottubru 2019.

17. Rat li r-rikorrenti ppreżentat nota, fit-3 ta' Marzu 2020, li permezz tagħha eżebiet kopja tas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2020 mill-Qorti tal-Appell fil-każ Rikors Numru 549/2017 fl-ismijiet **Alexandra Pace vs Doris sive Doreen Shawky** (fol 126), fejn l-atti ġew rinvjati lill-Prim' Awla.

18. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2020, il-kawża ġiet imħħllija *sine die* fuq talba tal-partijiet pendenti l-eżitu tal-kawża bin-numru 549/2017 RGM.

19. Rat li permezz ta' nota ppreżentata fl-20 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti ppreżentat kopja tas-sentenza deċiża fit-28 ta' Ottubru 2021 mill-Prim' Awla Qorti Ċivili tar-Rikors Numru 549/2017 fl-ismijiet **Alexandra Pace vs Doris sive Doreen Shawky**. (fol 135) fejn, stabbiliet is-segwenti:

    a. L-istima tal-Perit Montesin għal 28, "Dorsan' Triq l-Għarix, Attard ma kienx ġust u l-fond kellu jiġi stmat li jiswa €725,000.
    b. L-istima tal-Perit Montesin għal 77, Viani Street, Sliema kien ġust u l-fond kien jiswa €2,295.

20. Rat li l-kawża ġiet riappuntata wara talba b'rikors tar-rikorrenti fejn il-każ ġie riappuntat għat-3 ta' Marzu 2022.

21. Rat li fit-3 ta' Marzu 2022, din il-Qorti issollevat il-fatt li din is-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2021 (549/2017), tindika biċ-ċar il-valur tal-fond 28, "Dorsan", Triq l-Għarix, Attard, kif ukoll it-terran 77, Triq Rihani, Sliema, b'hekk f'dan l-istadju ma kienx hemm ħtieġa jitqabbad perit biex jistma l-valuri.

22. Rat li fit-3 ta' Marzu 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Alexandra Pace ippreżentata fis-27 ta' April 2022 (fol 149).

24. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata Doris sive Doreen Shawky ippreżentata fis-7 ta' Lulju 2022 (fol 161).

25. Rat li fis-27 ta' Mejju 2022 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

26. Jirriżulta li l-kontendenti huma aħwa u l-uniċi wlied ta' Maria Luigia Mifsud, armla ta' Hector Mifsud, li mietet fit-23 ta' Ġunju 2016.

27. Jirriżulta li s-suċċessjoni ta' Maria Luigia Mifsud hija regolata permezz ta' testment sigriet datat 20 ta' Awissu 1999, li ġie miftuħ fis-16 ta' Settembru 2016, liema testment jinsab eżebit bħala dok D a fol 8 tal-proċess.

28. Jirriżulta illi skond tali testment, il-fond 77, Viani Street, Sliema, tħalla b'titolu ta' prelegat, lir-rikorrenti Alexandra Pace, filwaqt illi l-fond 28, "Dorsan", Triq l-Għarix, Attard u l-għamara u effetti mobbli kollha tħalla b'titolu ta' prelegat lil Doreen Shawky.

29. Jirriżulta ukoll illi, fi klawsola 3 tal-imsemmi testment sigriet, l-intimata Doreen Shawky ġiet ordnata mit-testatriċi sabiex, wara eżerċizzju ta' valutazzjoni minn perit arkitett inkarigat mill-istess intimata, tħallas lir-rikorrenti dik is-somma, li tkun kwint indiviż (1/5) parti tal-valur tas-sehem imħolli bi prelegat mill-istess intimata tad-dar bin-numru 28,Triq l-Għarix Attard, wara li jitnaqqas minnu l-valur tat-terran 77, Triq Viani, Sliema.

30. Jirriżulta li meta r-rikorrenti rat l-istimi imressqa mill-Perit Montesin inkarigat mill-intimata, ma qablitx ma' dawn l-istimi, u pproċediet b'każ numru 549/2017 JPG sabiex

tattakka l-validita` tal-istejjem u sabiex timpenja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3 tat-testment sigriet mertu ta' dan il-każ.

31. Jirriżulta li, fit-13 ta' Ġunju 2018 ġie deċiż il-każ 549/2017 fl-ismijiet Alexandra Pace vs Doris sive Doreen Shawky, fejn it-talba tar-rikorrenti ġiet miċħuda. Tali sentenza ġiet appellata w il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell fit-28 ta' Frar 2020, u għalhekk ħassret u rrevokat is-sentenza appellata.

32. Jirriżulta illi sussegwentement, il-każ ġie deċiż fit-28 ta' Ottubru 2021 mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konklużjonijiet:

    a. L-istima tal-Perit Montesin għal 28, "Dorsan' Triq l-Għarix, Attard ta' €450,000 ma kienx ġust u l-fond kellu jiġi stmat li jiswa €725,000.

    b. L-istima tal-Perit Montesin għal 77, Viani Street, Sliema kien ġust u l-fond kien jiswa €2,295.

**Ikkunsidrat**

33. Permezz ta' dan il-każ, ir-rikorrenti qed titlob għall-ħatra ta' perit arkitett sabiex iwettaq valutazzjonijiet, kif ukoll għall-esekuzzjoni tad-disposizzjoni testamentarja, kif stabbiliti fit-Tielet artikolu fit-testment sigriet ta' omm il-kontendenti, Maria Luigia Mifsud, datat 20 ta' Awissu 1999.

34. F'tali artikolu Tlieta, l-intimata ġiet ordnata, mit-testatriċi, sabiex issir valutazzjoni minn perit arkitett inkarigat mill-istess intimata, u wara tħallas lir-rikorrenti dik is-somma li tkun kwinta parti (1/5) tal-valur tas-sehem imħolli bi prelegat lill-istess intimata, ossija tad-dar numru tmienja u għoxrin (28) fi Triq l-Għarix Attard, u dan wara li jitnaqqas minnu l-valur terran numru sebgħa u sebgħin (77) fi Triq Viani Sliema.

35. Tali Artikolu, jgħid dan li ġej:

> *"Nordna illi is-sehem minni mħolli bi prelegat fit-Tieni Artikolu ta' dan it-testment, tal-imsemmija dar numru tmienja u għoxrin (28), iġġib l-isem "Dorsan", Triq l-Għarix Attard, kif ukoll it-terran numru sebgħa u sebgħin (77), Viani Street Sliema, imħolli bi prelegat fl-ewwel Artikolu ta' dan it-testment, jiġu valutati b'mod ġust minn Arkitett u Inġinier Ċivili li jkun appuntat biss minn Doreen Shawky, u din il-valutazzjoni li għandha tkun tikkontjeni r-raġunijiet kollha li fuqhom dan l-Arkitett ikun ibbaża l-istima tiegħu, għandha tiġi ikkonfermata bil-ġurament minn l-istess Arkitett u Inġinier Ċivili, u din il-valutazzjoni tkun finali u insindikabbli.*
>
> *Dan premess nordna li Doreen Shawky tħallas lil oħtha Alexandra Pace, dik is-somma li hi kwinta (1/5) parti tal-valur tas-sehem imħolli bi prelegat lil Doreen Shawky tad-dar fuq imsemmija 28, Triq l-Għarix Attard, però mill-valur tas-sehem fuq imsemmi tad-dar fuq imsemmija 28, Triq l-Għarix Attard, l-ewwel għandu jiġi dedott il-valur tat-terran fuq imsemmi 77, Viani Street Sliema. Din id-differenza għandha tibda titħallas f'rati annwali ta' mhux anqas minn elfejn lira (LM2,000) kull rata, mingħajr interessi, u l-ewwel rata titħallas fi żmien sena mid-data tal-mewt tiegħi. Norda wkoll li jekk meta immut Doreen Shawky ikun għad fadlilha tħallas xi bilanċ ta'*

> *prezz lil oħtha Alexandra Pace, l-ewwel rata ta' LM2,000 għandha titħallas fi żmien sena minn meta Doreen Shawky tkun spiċċat tħallas l-imsemmi bilanċ lil oħtha Alexandra Pace. Din is-somma dovuta minn Doreen Shawky lil Alexandra Pace, qiegħda tiġi imħollija b'titolu ta' prelegat lil Alexandra Pace akkont ta' sehemha mill-eredita` tiegħi."*

**Ikkunsidrat**

36. Il-Qorti tqis illi jkun opportun, f'dana l-istadju, li jiġu puntwalizzati l-iżviluppi li żvolġew f'dan il-każ.

37. Jirriżulta li meta l-intimat, inkarigat lill-Perit Montesin, li ħejja l-istimi għaż-żewġ fondi in kwistjoni ossija l-fond 28, Triq l-Għarix, Attard u l-fond 77, Triq Viani Sliema, ir-rikorrenti ma qablitx ma' dawn l-istimi, u intavolat il-kawża rikors Numru 549/17 fl-ismijiet, Alexandra Pace vs Doris sive Doreen Shawky, sabiex tattakka l-istimi, u sabiex timpenja d-disposizzjoni testamentarja tat-testment sigriet, u ċioe` l-Artikolu Tlieta suċitat – tali kawża tidher illi ġiet intavolata **wara** illi ġiet intavolata il-kawża odjerna.

38. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, it-talba tar-rikorrenti oriġinalment ġiet miċħuda mill-Prim' Awla permezz ta' sentenza preliminari tat-13 ta' Ġunju 2018, liema sentenza, iżda, ġiet annullata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2020.

39. Jirriżulta illi, finalment, li l-każ ġie deċiż fit-28 ta' Ottubru 2021, wara illi l-Qorti qabdet bħala Perit Tekniku lill Perit Godwin Abela, li għamel l-istimi tiegħu, u għamlet eżerċizzju komparattiv mal-istimi tal-Perit F Montesin, ta' l-intimata, u l-perit David Psaila, tar-rikorrenti. Jirriżulta wkoll illi l-Perit Godwin Abela kien ħejja l-istimi għas-snin 2016, 2017 u 2020.

40. Kien proprju għalhekk li din il-Qorti fil-verbal tat-3 ta' Marzu 2022 issottolineat li, in vista ta' dawn l-istejjem fis-sentenza suċitata a fol 135, m'hemmx ħtieġa li jiġi nominat perit tekniku, peress illi stimi ġia ġew prodotti minn Espert tal-Qorti, u ma jkunx ġust illi jintefqu aktar spejjeż Peritali ladarba hemm rapport Peritali tal-Qorti ġia stabbilit.

41. La darba ġie stabbilit illi Stima ta' Perit il-Qorti issa għandha, ossija l-Istima tal-Perit Godwin Abela, l-ewwel tlett talbiet li jirrigwardaw il-ħatra ta' perit arkitett, m'hemmx aktar lok li jiġu kkunsidrati u għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

**Ikkunsidrat**

42. Ikkunsidrat dan, din il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra ir-rimanenti talbiet, ossija ir-raba' talba dwar l-eżekuzzjoni tad-disposizzjoni testamentarja u l-ħames talba sabiex tipprovdi dwar il-ħlas li għandu jsir.

43. Fid-dawl tas-sentenza mogħtija datata 28 ta' Ottubru 2021, a fol 135 tal-proċess, din il-Qorti tista' tipproċedi biex tistabilixxi l-ammont dovut mill-intimata lir-rikorrenti skont it-Tielet Artikolu tat-testment sigriet datat 20 ta' Awissu 1999, kif ukoll iż-żmien li fih l-intimata għandha tħallas dak l-ammont lir-rikorrenti u r-rati annwali applikabbli, dan kif mitlub fir-raba' talba, u kif provvdut fid-disposizzjoni testamentarja.

44. Jirriżulta bla dubju, kif ġia osservat il-Qorti aktar il-fuq, illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili wasslet għall-istimi għaż-żewġ fondi, liema stimi huma s-segwenti:

    a. Il-fond 28, "Dorsan' Triq l-Għarix, Attard ta' €450,000 kellu jiġi stmat li jiswa €725,000.

    b. Il-fond 77, Viani Street, Sliema kellu jiġi stmat li jiswa €2,295.

45. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi minn tali konklużjoni, u tagħmel tali stimi bħala tagħha wkoll.

46. Tenut kont ta' dan, il-Qorti trid tgħaddi biex tagħmel il-kalkolu li għandu jsir skont l-Artikolu Tlieta tat-testment sigriet,u dana kif ġej:

    a. Kwinta (1/5) parti ta' l-ammont ta' €725,000, jammonta għall €145,000.

    b. Minn €145,000 għandu jitnaqqas €2,295, li huwa l-valur tal-fond fi Triq Viani Sliema.

    c. Ir-riżultat ta' tali tnaqqis, iħalli bilanċ ta' €142,705, li huwa dovut lir-rikorrenti mill-intimata.

47. Jirriżulta illi l-volonta` tat-testatriċi, kif stipulat fit-Tielet Artikolu tat-testment sigriet, kien li tali ammont jitħallas permezz ta' pagamenti rateali, bla imgħax, f'ammonti annwali ta' <u>mhux anqas</u> minn LM2,000, ossija €4,660, liema ħlas għandu jibda jsir mid-data tal-mewt tat-testatriċi, ossija fit-23 ta' Ġunju 2016.

48. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi, la darba t-testatrici qalet illi l-pagamenti jkunu ta' mhux anqas minn Lm2,000 fis-sena, liema somma tekwivali għal €4,660 fis-sena, valuta li ma kienet bl-ebda mod kkontemplata fis-sena 1999, meta Malta kienet għadha ma dahhlietx fl-Unjoni Ewropeja, ikun gust u ekwu illi dina l-Qorti tordna illi l-pagament annwali ikunu ta' mhux anqas minn €5,000 fis-sena.

49. Għalhekk, ikkunsidrat illi l-bilanċ dovut mill-intimata lir-rikorrenti huwa ta' €142,705, l-intimata hija għandha tipproċedi biex tħallas lir-rikorrenti tali somma, permezz ta' pagamenti rateali ta' mhux anqas minn €5,000 fis-sena, liema pagament għandu jsir kull l-aħħar ta' Ġunju.

50. Ladarba tali somma kienet dovuta minn Ġunju 2016 'l hawn, l-intimata għandha tħallasha s-somma ta' €30,000 rappreżentanti sitt pagamenti b'lura, minn Ġunju 2016 sa Ġunju 2022, filwaqt illi, minn issa 'l quddiem, għandha tħallasha s-somma ta' €5,000 kull l-aħħar ta' Gunju sakemm il-bilanċ dovut jitħallas kollu, u dana dejjem mingħajr imgħax, skond ix-xewqa ta' omm il-partijiet.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara li rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti u ta' l-intimata;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti stante li tqis illi l-valutazzjoni tal-Perit Godwin Abela, mqabbad bħala Perit tal-Qorti fil-kawża bejn l-istess partijiet fl-ismijiet '***Alexandra Pace vs Doris sive Doreen Shawky*** (549/17 RGM) deċiża fit-28 ta' Ottubru 2021 hija suffiċjenti għal dawn il-proċeduri.

**Tilqa'** r-raba' talba tar-rikorrenti kif ġej:

**Tistabilixxi** li l-ammont dovut mill-intimata Doreen Shawky lir-rikorrenti Alexandra Pace skont it-Tielet Artikolu tat-testment sigriet datat 20 ta' Awissu 1999 għandu jkun ta' ~~**mija u tnejn u erbgħin elf, sebgħa mija u ħames Euro (€142,705)**~~ **tnejn u sebgħin elf, u wieħed u erbgħin euro (€72,041)** (korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet ta' 4.11.22 FDP) liema ammont għandu jitħallas permezz ta' pagamenti rateali annwali ta' mhux anqas minn **ħamest elef Euro (€5,000)**, imgħax ma jkunx dovut, u li jkunu jitħallsu kull tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju ta' kull sena, kalkolabbli minn Ġunju 2016 'il quddiem.

**Tikkundanna** lill-intimata tħallas lir-rikorrenti, is-somma ta' **tletin elf Euro (€30,000)** rappreżentanti sitt (6) pagamenti b'lura, minn Ġunju 2016 sa Ġunju 2022, filwaqt illi;

**Tikkundanna u Tordna** lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mhux anqas minn **ħamest elef Euro (€5,000)** kull l-aħħar ta' Ġunju sakemm il-bilanċ dovut, ta' ~~**mija u tnejn u erbgħin elf, sebgħa mija u ħames Euro (€142,705)**~~ **tnejn u sebgħin elf, u wieħed u erbgħin euro (€72,041)** (korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet ta' 4.11.22 FDP) jitħallas kollu.

**L-ispejjeż** għandhom jinqasmu kwint (1/5) mir-rikorrenti u erbgħa kwinti (4/5) mill-intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur